# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Kumpilazzjoni Numru 44/2019SG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs**

**Carmel Spiteri**

**Illum, 9 ta' April, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Carmel Spiteri, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 408851M, fejn ġie akkużat talli:

*"Bħala uffiċċjal jew impjegat f'ammnistrazzjoni pubblika, jew bħala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, f'dawn il-Gzejjer f'Awwissu 2017 u fil-jiem u x-xhur li jigu mmedjatament wara:*

1. *In konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħek sew jekk kellek kemm jekk ma kellekx jedd li tesigi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħek, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taħt il-libsa tal-kariga tiegħek, eseġejt dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skond il-liġi s-somma ta' Ewro 500 mingħand Stanislaus Caruana id. 47052M;*

2. *U aktar talli l-eżazzjoni kontra l-liġi msemmija fl-artikolu qabel dan saret b'theddid jew b'abbuż ta' awtorita';*

3. *U aktar talli in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħek tlabt, ircevejt jew aċċettajt għalik is-somma ta' Eur 500 mingħand Stanislaus Caruana*

*id: 47052M, l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta kien sabiex bħala uffiċjal jew impjegat tagħmel dak li hu fid-dmir tiegħek li tagħmel;*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex barra mlli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta-esperti, ai termini tal-Artikolu 553 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta"*

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali;

**Ikkunsidrat:**

**<u>Provi Prodotti</u>**

Nhar il-25 ta' Frar, 2019, xehed **Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobs Plus,** fejn ippreżenta l-*Employment History* ta' Carmelo Spiteri, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 408851M.

Xehdet **Samantha Zerafa,** li spjegat li hija tiftakar li l-Prosekuzzjoni kienet avviċinatha biex tagħtihom xi informazzjoni rigward rapport li kien għaddielhom il-Ministru Fearne. Qalet illi dan kien għal ħabta ta' Settembru tas-sena 2017 u preżenti kien hemm ukoll s-Sur Stanley Caruana, persuna li hija kienet tafu minn meta kienet żgħira. Spjegat li peress li hija taħdem il-*Health Centre Customer Care*, Stanley Caruana kien avviċinaha għax kellu problema ta' *Housing* u qalilha sabiex tmur miegħu għall-appuntament, li Caruana kellu mas-Sur Charles Spiteri. Xehdet li kienu marru l-Ministeru tal-*Housing* li jinsab quddiem it-Teatru l-Imwaqqa', fejn għan-nom ta' Caruana kienet saqsiet jekk setgħux jgħinu lil Caruana, li kien qiegħed jgħid li kien ilu ħafna li applika għal post tal-*Housing,* imma kellu l-file mitluf. Spjegat li talbet jekk ikunx possibbli li jfittxu dan il-file. Kompliet tgħid li Charles Spiteri qalilha li ħa jgħinhom. Xehdet li għal ħabta ta' Jannar, kien mar ikellimha Stanley, li kien qalilha

li Charlie Spiteri kien talbu €500, liema ammont huwa kien għaddih lill-istess Charles Spiteri. Spjegat li hija kienet qaltlu li kien daħħalha f'ħafna inkwiet, peress li hi kien ser ikollha tmur tgħid lil Mr. Fearne, għax hi kienet persuna fdata, u fil-fatt hekk għamlet. Il-Ministru Fearne qalilha biex tressaq dan il-persuna quddiemu, kif filfatt għamlet, fejn Stanley kien infurmah li l-imputat Charles Spiteri, kien talbu l-flus u hu għaddihomlu.

Ix-xhud għarfet lill-imputat fl-awla u kompliet tispjega li wara li hija u l-Ministru Fearne kellmu lil Stanley, hija ma kellha l-ebda involvement ieħor, peress li l-Ministru Fearne kien ressaq il-każ. Qalet li sussegwentement, kienu ċemplulha mid-Depot tal-Pulizija biex tmur tagħti l-verżjoni tagħha. Kompliet tgħid li meta kellhom l-appuntament ma' Stanley, dan tal-aħħar kien infurmaha li huwa kellu *recording* tal-konverżazzjoni ta' bejnu u bejn Charlie Spiteri, fejn Spiteri kien talbu flus u dak il-ħin, il-Ministru qal li ser ikollu jirrapportah lill-Pulizija.

Fil-25 ta' Frar, 2019, xehed **Carmelo Spiteri,** fejn spjega li Stanley Caruana kien staqsih jekk kienx legali li jirrekordja konverżazzjoni bejnu u bejn impjegat tal-Gvern u minħabba li hu prattika biss fl-Istati Uniti qallu, li ma kienx jaf xi tgħid il-Liġi Maltija. Spjega li meta staqsih għaliex kien qiegħed jagħmillu din id-domanda, Stanley kien infurmah li kien ġie mitlub minn Carmel Spiteri, biex jagħtih is-somma ta' €500 u meta staqsih għaliex kellu jagħti €500 lill-impjegat tal-Gvern, Stanley qallu li Carmel Spiteri kien ser jirranġalu mal-*housing*. Ix-xhud kompla jgħid li hu kien qal lil Stanley biex imur miegħu, biex jiltaqa ma' Carmel Spiteri ġewwa l-Ministeru tal-Housing u hemmhekk kienu iltaqgħu ma' Carmel Spiteri, iżda kien issuġġerixxa li jkellmu lill-Ministru, peress li ma setax jifhem id-diffikultà tal-Housing, peress li Stanley kien persuna b'diżabilità. Kompla jgħid li huwa ma kien involut fl-ebda tranżazzjoni bejn Carmel Spiteri u Stanley. Huwa kien qiegħed biss jirrepeti dak li kien qallu Stanley Caruana. Qal li għalkemm huwa xtaq ikellem lill-Ministru, Carmel Spiteri ma ħallihx u qallu li kien ser jieħu ħsieb hu u wara ftit xhur, kien mar ikellmu Stanley u nfurmah li kien ser jirrekordja l-konverżazzjoni ma' Carmel Spiteri. Spjega li kien anke staqsa lil Peter Paul Zammit, li kien infurmah li jekk hija xi ħaġa kriminali, wieħed seta' jirrekordja, iżda xehed li huwa qatt ma sema' dan ir-*recording* u qatt ma kellem lill-Ministru Fearne.

Nhar it-12 ta' April, 2019, xehdet **Rita Calleja,** li spjegat li hija kienet qiegħda tirrappreżenta lill-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali u kienet ilha taħdem f'dan il-Ministeru, mis-16 ta' Jannar, 2019. Hija spjegat li tirrappreżenta lid-Director, Corporate Services. Xehdet li kellha l-*personal file* u xi dokumenti mill-*personal file*, dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tal-imputat Carmelo Spiteri, li kien impjegat bħala Person of Trust fil-*Customer Care* mal-Ministeru tagħha, permezz ta' kuntratt tat-3 ta'

Ġunju, 2017. Kompliet tgħid li f'Jannar 2018, kienu ġew mgħarrfa mill-Pulizija fuq xi *misconduct* u fit-27 ta' Jannar, 2018, kienu infurmawh li kien ser jibda jirċievi nofs il-paga, għax il-kuntratt kien għal sena, però f'Ġunju, meta skada l-kuntratt, ma kienx ġie mġedded. Ix-xhud ippreżentat t-*Termination Form* tal-Jobs Plus u r-raġuni ta' dan kien '*Disciplinary Proceedings*', filwaqt li spjegat li lill-imputat ma kinitx tafu personalment.

**L-Ispettur Doriette Cuschieri** xehdet bil-ġurament tagħha, li f'Jannar 2018 irċevew rapport ġewwa d-Dipartiment mingħand l-Onorevoli Ministru Chris Fearne, rigward allegazzjonijiet ta' korruzzjoni minn impjegat f'amministrazzjoni pubblika. Huwa kien anke għaddielha xi *CDs* ta' *recording* ta' konverżazzjonijiet li saru bejn l-istess impjegat, u ċioè l-imputat Carmel Spiteri u Stanislaus Caruana. Huma kienu għamlu kuntatt ma' Samantha Zerafa, li taħdem bħala *Customer Coordinator* ġewwa l-Polyclinic ta' Raħal Ġdid, li hija l-*Person of Trust* tal-Ministru Fearne. Samantha Zerafa kienet irrapurtat illi l-Ministru Fearne kien sar jaf b'dan kollu, għaliex kienet hi li resqet lis-Sur Stanislaus sabiex jgħid b'dak li ġara, quddiem il-Ministru. Xehedet illi s-Sinjura Zerafa kienet stqarret, li għal habta ta' Awwissu 2017, is-Sur Stanislaus kien talabha sabiex tmur miegħu għal appuntament li kellu mal-imputat Carmel Spiteri, li kien jaħdem ġewwa l-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, sabiex ikellmu fuq possibilità li jgħinu jakkwista post tal-Gvern. Spjegat li din qalet li s-Sur Caruana kien ilu li applika mal-*Housing*, però kien iddejjaq jistenna minħabba raġunijiet ta' saħħa. Is-Sinjura Zerafa kienet qalet illi akkumpanjatu għal dan l-appuntament, fejn qalet li kienu tkellmu mal-imputat għaliex Zerafa lill-imputat kienet tafu wkoll, peress li kienu t-tnejn li huma minn Bormla. Spjegat li Zerafa rraportat li l-imputat Spiteri kien aċċertahom, li kien se jieħu ħsieb il-file li Stanislaus kellu digà mal-Housing. Fil-fatt kien qallu ħa jieħu ħsieb li l-file tiegħu jaħdmu fuqu.

Saħqet illi fid-19 ta' Jannar, 2018, is-Sur Caruana reġa' mar ikellem lis-Sinjura Zerafa ġewwa l-Poliklinika, fejn kien qalilha li s-Sur Carmel Spiteri, l-imputat, kien talbu s-somma ta' ħames mitt Ewro, sabiex ikun jista jgħinu jakkwista dan il-post tal-Gvern. Kien hawnhekk li s-Sinjura Zerafa qalet lil Stanislaus Caruana, li kienet se tgħaddi din l-informazzjoni lill-Ministru Fearne, fejn hi għamlet appuntament lis-Sur Caruana mal-Ministru, sabiex is-Sur Caruana jkun jista' jgħaddi l-informazzioni kollha lill-Ministru. Kien f'dan l-appuntament li s-Sur Stanislaus Caruana qal lis-Sinjura Zerafa u lill-Ministru Fearne, li hu kien xtara *recorder* sabiex ikun jista' jirrekordja l-konverżazzjonijiet li kien qed ikollu mal-imputat, fejn għaddielhom kopja ta' dan ir-*recording* fuq żewġ CDs. Is-Sur Caruana kien stqarr magħhom li kien ħallas is-somma ta' ħames mitt Ewro lill-imputat, fejn dan jinstema' wkoll f'dawn ir-*recordings*. L-Ispettur għaddiet biex tippreżenta dawn ir-*recordings* u għaddiethom lill-Qorti.

Saħqet illi f'dawn ir-*recordings* jinstemgħu ilħna ta' żewġ persuni maskili, wieħed minnhom indirizzat bl-isem ta' Charlie. Jissemmew kemm-il darba dawn il-ħames mitt Ewro, li s-Sur Caruana kien qal li għadda lill-imputat. Jinstema' wkoll leħen jgħid illi fil-lista għall-post, qiegħed *by priority*, "kemm tlabtni tajtek". Intqal li fit-tieni CD *track* 7, jinstema' d-diskors, fis-sens li jekk tħallas il-flus, wieħed jippretendi li jinqeda mill-ewwel. Fuq l-istess CD *track* 9 jinstema' diskors ieħor, fis-sens li ntqal li jekk ma tingħatax risposta tajba, kellhom jiġu ritornati l-flus u li huwa kien ħallas għaċ-ċavetta. Qalet illi hija kienet kellmet lis-Sur Caruana ġewwa l-uffiċju tagħha, fejn kien ikkonferma li kien xtara *recorder* mingħand it-Top Choiċe tal-marka Sony, u qal li kien xtrah apposta sabiex jirrekordja l-konverżazzjonijiet mal-imputat. Kompliet tgħid li Caruana kkonferma wkoll, li kien mar mas-Sinjura Zerafa għall-appuntament mal-imputat ġewwa l-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali, sabiex l-imputat jgħinu jakkwista l-post tal-Gvern. Is-Sur Caruana kien qal ukoll li kien ta l-ammont ta' ħames mitt Ewro lill-imputat, però kien qal li kien sellifhomlu għaliex kellu xi problemi finanzjarji meta kien mitkellem minnha. Kien qal ukoll illi ż-żewġ vuċijiet illi jinstemgħu, kienu tiegħu u tal-imputat u li kien hu stess, is-Sur Caruana, li kien irrekordjahom u mar bir-*recordings* għand fotografu ġewwa Ħaż-Żabbar sabiex qaliblu l-konverżazzjonijiet rekordjati fuq CDs. Qalet li Caruana kien ikkonferma li kien hu stess li għaddihom lill-Ministru Fearne. Ikkonferma wkoll li dan ir-recorder kien xtrah apposta biex ikollu xiehda li hu kien qed jgħaddi l-ammont ta' ħames mitt Ewro lis-Sur Spiteri. Qalet illi dan ir-*recorder* kien ġie ppreżentat fil-kawża li hemm kontra s-Sur Caruana, quddiem il-Qorti l-oħra. L-investigazzjonijiet komplew u saru wkoll mas-Segretarju Permanenti, s-Sur Mark Musù, fejn dan ikkonferma li l-imputat Carmel Spiteri kien jaħdem permezz ta' kuntratt ta' xogħol mal-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali, bħala Person of Trust, u dan il-kuntratt kien beda fit-3 ta' Ġunju, 2017. Is-Sur Musù kien ikkonferma wkoll li l-imputat kien ġie sospiż mix-xogħol fis-26 ta' Jannar, 2018, fuq l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu. Intalab mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat u dan ġie maħruġ mill-Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit.

Saħqet illi l-imputat kien ġie arrestat fid-29 ta' Jannar, 2018. Qalet li dan kien mogħti d-drittijiet kollha tiegħu qabel ma ġie nterrogat, u huwa kien għażel li jeżerċita d-dritt li jkollu l-għajnuna legali waqt l-istess interrogazzjoni, fejn filfatt kien assistit matul l-interrogazzjoni minn Dr Amadeus Cachia. Huwa kien ġie mistoqsi diversi mistoqsijiet fuq l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu, fejn is-Sur Spiteri kien għażel li ma jirrispondix għalihom. Huwa ffirma stqarrija, li preżentatha waqt ix-xhieda u mmarkata bhala Dok. DC3. Fuq din l-istqarrija, hija għarrfet il-firma tagħha , il-firma tal-imputat Carmel Spiteri u l-firma tas-Surġent PS 856 Carmel Falzon. Kien hawnhekk illi wara li għamlu l-investigazzjonijiet kollha, inħarġu l-akkużi fil-konfront tas-Sur Stanislaus Caruana, li kienet qed tinstema' quddiem il-Maġistrat Aaron Bugeja u kif ukoll l-akkużi fil-konfront tas-Sur Spiteri.

**Rita Calleja** xehdet fl-4 ta' Ġunju, 2019, u ppreżentat l-Contract for Service, li kien sar bejn il-Gvern u l-imputat, iffirmat fit-30 ta' Ottubru, 2017, b'effett mit-3 ta' Ġunju, 2017, sat-2 ta' Ġunju, 2018.

**Violet Galea** xehdet fl-4 ta' Ġunju, 2019, u spjegat li fis-sena 2017, hija kienet taħdem fil-Ministry for Family, Children's Rights and Solidarity, fil-kariga ta' Direttur ta' Finance and Compliance u in segwitu, Direttur tal-Coporate Services. Hija kkonfermat il-veraċità tal-kuntratt tax-xogħol ta' Charles Spiteri bħala Person of Trust fil-kariga ta' Customer Care Assistant fil-Ministeru, filwaqt li għarfet il-firma tagħha fuq dan il-kuntratt, tas-Sur Musù u ċioè l-Permanent Secretary tagħha. Qalet li l-kuntratt tax-xogħol kien jippreparah skrivan li jaħdem fl-HR, kien jgħaddih lilha biex hija tiċċekja d-dettalji, bħal paga, u wara li tapprovah, tiffirma u tgħaddih lis-Sur Musù biex japprovah u jiġi ffirmat mill-individwu. Hija spjegat li ma kinitx tiftakar minn kien is-Sur Spiteri, iżda żiedet li d-data tal-kuntratt kienet it-30 ta' Ottubru, 2017, b'effett mit-3 ta' Ġunju, 2017.

Fl-10 ta' Lulju, 2019, xehed **Mark Musù** fil-kariga ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Sigurtà Soċjali u ppreżenta kopja tal-ittra, li permezz tagħha, is-Sur Spiteri kien ġie sospiż fuq sospenzjoni prekawzjonarja minħabba allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu, datata 26 ta' Jannar, 2018, liema ittra kienet ġiet iffirmata minnu, iżda ma kienx jaf x'kienu l-allegazzjonijiet. Xehed li għalkemm ma jafx lill-imputat personalment, huwa għarfu fl-awla u għadda wkoll sabiex jippreżenta kopja ta' ittra datata 29 ta' Mejju, 2018, fejn fiha huwa kien informa lis-Sur Spiteri, illi minħabba li l-kuntratt tiegħu kien ħa jiġi fi tmiemu fit-2 ta' Ġunju 2018, l-impjieg tiegħu ma kienx ser jerġa' jiġi mġedded.

**Dr Chris Fearne** xehed nhar is-17 ta' Ottubru, 2019, u spjega li madwar sena u nofs qabel, waqt attività politika ġewwa Ħal Tarxien, kien ġie nfurmat minn kollega tiegħu li taħdem fis-Segretarjat, fil-Customer Care, bl-isem ta' Samantha Zerafa, li kien avviċinaha persuna, li kien għadda xi flus lil Uffiċjal Pubbliku biex jinqeda. Spjega li kien minnufih infurmaha biex jivverifikaw il-fatti, peress li dawn m'humiex affarijiet aċċettabli u fil-fatt, Samantha Zerafa kienet marret ma' ċertu Caruana fl-uffiċċju tiegħu, madwar erbat ijiem wara. Spjega li ġie vverifikat li kienu ġew mgħoddija ħames mitt Ewro lil Charles Spiteri, li kien Uffijċal Pubbliku, li jaħdem fis-Segretarjat tal-Housing. Xehed li l-ilment tas-Sur Caruana kien illi minkejja illi għaddha l-flus, baqa' ma nqediex. Kompla jgħid li kien sema' *recordings* fejn jissemmew dawn il-ħames mitt Ewro, bl-iskop illi s-Sur Caruana jinqeda u kien infurma lis-Sur Caruana, li kien ser jgħid lill-Pulizija b'dan il-każ.

**L-Espert Dr Martin Bajada** xehed nhar il-25 ta' Mejju, 2022, fejn spjega li huwa kien ġie nominat minn din il-Qorti, sabiex jagħmel analiżi komparattiv tal-vuċijiet u ppreżenta r-rapport tiegħu, fejn ikkonkluda li mill-analiżi komparattiv tal-vuċijiet, irriżulta pożittiv għal vuċi tal-imputat Carmel Spiteri.

**Stanley Caruana** xehed fid-9 ta' Novembru, 2023, fejn spjega li Samantha kienet ħaditu għand il-Ministru Chris Fearne, fejn kien infurmah b'dak kollu li kien ġara madwar erba' snin u nofs qabel. Kompla jgħid li huwa kien mar ikellem lis-Segretarju Chris Agius, li dak iż-żmien kien Ministru, li kien qallu li ma setax jgħinu, iżda kien għamillu appuntament ma' Carmel Spiteri. Xehed li Samantha kienet infurmatu, li hi u r-raġel kienu joħorgu flimkien mal-imputat. Qal li waqt l-appuntament, huwa kien infurmah li huwa kellu applikazzjoni pendenti mal-Housing Authority u li kien miet sieħbu, li kien joqgħod f'dar mikrija. Spjega li l-imputat kien wegħdu li kien ser jibgħat nies biex jiċċekjaw id-dar, iżda minflok kien mar Carmel Spiteri nnifsu. Qal li għaxart ijiem wara, Carmel Spiteri kien talbu sabiex jinżel fejn il-Complex, bejn Bormla u Ħaż-Żabbar, u kien infurmah biex iserraħ moħħu u li kellu bżonn pjaċir mingħandu. Spjega li dan ried jissellef ħames mitt Ewro, liema ammont kien ser jagħtihomlu lura fi żmien tliet ġimgħat jew xahar, u kien rrispondih li filwaqt li ma għandux dawk il-flus, huwa kien ser jara minn fejn ser iġibomlu. Xehed li l-imputat kien qallu li kellu bżonnhom dak il-lejl stess u għalhekk huwa kien tah il-flus li kien qiegħed iġemma għal-liċenzja tal-karozza. Kompla jgħid li meta kien għadda xahar u xahrejn, huwa kien semmielu l-flus u l-imputat kien jirrispondih li kien qiegħed f'moħħu. Żied jgħid li meta wasal biex iħallas il-liċenżja, huwa ma kellux flus biex iħallasha u kien xtara *mobile recorder* biex ikollu xhieda li silfu l-flus. Qal li minkejja li ma kienx jafu qabel, huwa kien iddeċieda li jisilfu l-flus, għax ħassu li huwa ried mingħandu sabiex jgħinu fil-file tal-*Housing*.

Ix-xhud kompla jixhed li wara tliet xhur, huwa kien ra mara tnaddaf fil-post li kien applika għalih u meta staqsa lill-imputat, dan tal-aħħar kien infurmah biex ma jinkwetax għax kien ser isiblu post ieħor. Żied li meta għaddew erba' xhur, huwa kien informa lill-imputat li huwa kien irrekordjah bħala prova, li kien tah ħames mitt Ewro u dik il-gimgħa stess, l-imputat kien irritorna l-flus.

Kompla jixhed li wara ġimgħa, kien tkellem ma' Samantha, li kienet qaltlu li lilha kien qdieha u meta qalilha x'kien għamel lilu, Samantha kienet ħadithu għand Chris Fearne sabiex jirranġalu u talbitu jieħu r-*recorder* miegħu. Spjega li x'hin Chris Fearne sema' r-*recording*, kien infurmah li din biċċa xogħol tal-Pulizija u kien għalhekk li huwa spiċċa għand il-Puliżija. Saħaq li Chris Fearne kien sema' biċċa żgħira biss tar-*recording*, fejn kien qal illi qiegħed jistenna l-flus mingħandu u li hu kien mar għand Chris Fearne biex jipprova jgħinu u mhux biex jispiċċa f'idejn il-Pulizija. Stanley

instema' jgħid fir-*recording*, illi huwa kien tah il-flus sabiex Carmel jagħtih iċ-ċavetta u instema' wkoll joffrilu aktar flus sabiex jgħinu fil-file tal-*Housing*. Carmel Spiteri nstema' jgħid, biex ma jsemmilux flus għax jieħu għalih. Ix-xhud kompla li huwa ma kellux flus aktar x'jagħti, iżda kien qallu hekk biex jara x'kien ser jgħidlu, filwaqt li kkonferma li l-imputat kien tah il-flus lura, għax kien semmalu r-*recording*.

In kontroeżami, ix-xhud spjega li oriġinarjament, huwa kien mar għand Chris Agius waqt li kien għadu Ministru, u kien infurmah li huwa ma setax jgħinu, filwaqt li bagħtu għand Carmel Spiteri, li kien jaħdem ma' Michael Falzon. Kompla li huwa spiċċa għand il-Ministru Chris Fearne, għax ħaditu Samantha, li kienet il-*Head Cleaner* tal-Clinic ta' Raħal il-Ġdid. Din kienet infurmatu li ser isibulu post żgur u qaltlu biex jieħu r-*recording* miegħu għand Chris Fearne. Huwa sostna li Samantha daħket bih ukoll u ġabitu f'idejn il-Puliżija, għax hija kienet ħaditu għand Chris Fearne, propju sabiex isiblu post u mhux biex jispiċċa għand il-Pulizija. Xehed li l-Ministru Chris Fearne ma kienx sema' r-*recording* kollu, u kien bagħtu għand il-Pulizija xorta u dana minkejja li kien infurmah li huwa ma riedx imur għand il-Pulizija, għax il-flus kien tahomlu lura. Qal li l-Ministru Fearne kien qallu illi kien hemm in-nies barra u li ma riedx jisma' iktar.

In rieżami, ix-xhud spjega li wara li mar għand il-Ministru, huwa reġa' ħa r-*recordings* miegħu.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Prinċipji legali applikabbli</u>**

Illi l-imputat ġie mixli taħt l-Artikolu 112, 113 u 115 (a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdu:

> *112.Kull uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, jesiġi dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija minn tliet xhur sa sena.*

*113.Jekk l-eżazzjoni kontra l-liġi msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, issir b'theddid jew b'abbuż ta' awtorità, hija titqies estorsjoni, u l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jeħel, meta jinsabħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa tliet snin.*

*115.(1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjonimal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fiflus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa majkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikunsabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minnsitt xhur sa tliet snin;*

Issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar it-8 ta' Ġunju, 2011, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Emanuel Faure**:

*It-tieni aggravju jirrigwarda l-imputazzjoni fejn l-appellat gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 112 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi:*

*"Kull ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-kariga tieghu, jesigi dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa sena."*

*L-elementi mehtiega biex jissussisti dan ir-reat huma: (1) il-karattru pubbliku tar-reo, (2) li jesigi xi haga llegalment, (3) taht il-libsa tal-kariga tieghu.....B'referenza mbaghad ghat-tielet element, il-Prof. Mamo jikkummenta: "The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the Government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted."*

Fis-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Alfred Attard,** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-28 ta' Frar, 2005, ingħad:

*Illi l-imputat huwa primarjament akkuzat bir-reat dispost fl-artikolu 112 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe "Ufficjal Pubbliku li jesigi flus kontra l-ligi".....Dan hu reat komunement maghruf bl-ingliz bhala dak ta' 'unlawful exaction'. ….. Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu taht t-titolu imsejjah 'Of the Abuse of Public Authority' jelenka l-element ta' dan r-reat u cioe:*

*"1. The public character of the offender;*
*2. The unlawful exaction; u*
*3. The colour of office."*

*Illi ghalhekk huwa importanti li jigi ppruvat li l-malvivent huwa ufficjal jew impjegat t'amministrazzjoni pubblika jew persuna impjegata mal-Gvern jew mill-Gvern. Il-ktieb talligi huwa wiesgha hafna u ghalhekk jinkludi kull persuna li huwa direttament jew indirettament fis-servizz pubbliku.*

*B'hekk kwalunkwe persuna li m'ghandhix dan l-impjieg, ma tistax tinstab hatja ta' dan r-reat anke jekk talab xi flejjes jew oggetti ta' valur zejda waqt il-qadi ta' dmirijietu anke jekk ittanta jghamilha ta' ufficjal pubbliku. Ghalhekk il-kariga ta' ufficjal pubbliku hija element inerenti ta' dan rreat u mhux cirkostanza aggravanti bir-reat.*

*Mill-banda l-ohra, jekk il-persuna li qed titlob l-flus jew hag' ohra li mhix dik skond l-ligi, tinsab f'dan is-servizz pubbliku kif fuq deskritt huwa immaterjali jekk ghandu jew m'ghandux skond l-impjieg tieghu, d-dritt li jircievi flus jew effetti ta' remunerazzjoni ghas-servizzi tieghu jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment pubbliku iehor. Din ddisposizzjoni ghandha tigi nterpretata b'mod generali ghaliex r-reat huwa wiehed li jista jigi kommess minn kwalsiasi tip t'ufficjal, kemm jekk jithallas b'mod regolari b'salarju, b'imqieta jew anke jekk jaghti servizz gratuwitu.*

*It-tieni element huwa li jintalab flus jew haga li mhux dovut legalment 'unlawful exaction'. Dak li jitlob ilmalvivent ghandu jkun dak li mhux intitolat ghalih jew huwa in eccess ghal dak li huwa intitolat ghalih, jew li huwa mitlub qabel ma huwa dovut. Il-pubbliku ghandu jkun protett minn tali forma ta' dan r-reat tant ikrah. Ir-reat huwa komplet [u ma jissejjahx attentat anke skond l-awturi famusi] meta hemm t-talba illecita bl-ingliz 'exaction', anke jekk il-vittma ma tkunx halset jew accettat li thallas dak li kien mitlub ihallas illegalment.*

*Skond il-Professur Mamo:*

*"The mere demand by the public officer or servant, provided it is serious and calculated potentially to achieve the intent, is sufficient to complete the crime."*

*Dan hu reat formali u dak li l-ligi thoss li ghandha tipprevjeni ma hux d-dritt ta' pussess privat izda d-dritt pubbliku li l-istat ghandu jiggarantixxi li jagixxi b'mod gust u ekwu tramite r-rappresentanti tieghu u cioe l-impjegati pubblici, u dan d-dritt huwa vjolat meta impjegat pubbliku jesigi dak li mhux intitolat ghalih jew hu in eccess ghal dak li hu intitolat ghalih jew jesigi dak li ma jkunx ghadu dovut lilu. Ghalhekk b'dan nifhmu ahjar dak li trid il-ligi meta fiddisposizzjoni fuq imsemmija insibu l-kelma "tesigi" u cioe fis-sens li ghandha tifhem li rikjesta llecita hija bizzejjed ghal esistenza ta' dan r-eat u m'hemmx bzonn li dak li jkun, ikun ircieva dak li talab jew ahjar esiga.*

*Lanqas ma huwa necessarju skond l-ligi li l-ufficjal pubbliku li jesigi flus jew hwejjeg, jaghmel dan ghal gwadan tieghu. Huwa reat anke jekk dak l-ufficjal jesigi flus jew hwejjeg mhux dovuti legalment u jircievi u jehodhom ghal gwadan tal-Gvern.*

*Skond l-awtur Taljan Maino:*

*"Il reato di consuccione consisteva nell'abuso dell'autorita per riscuotere cio che non e' dovuto per tasso diritti o altre contribuzioni."*

*Fit-tielet lok, huwa mehtieg li dak li jghamel ufficjal pubbliku, ghamlu fil-qadi ta' dmirijietu. Mhux necessarju li l-malvivent li jitlob il-flus jew hwejjeg illegalment, jaghmel hekk b'mod volut "knowingly", izda semplicement huwa rikjest li jigi ppruvat li dak li ghamel u cioe esiga l-flus jew hwejjeg ghalih meta ma kienx intitolat li jaghmel hekk."*

Dwar l-Artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Saveria sive Saverin Sinagra,** fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, deċiża nhar it-30 ta' Ġunju, 2010, fejn intqal:

*Illi minn ezami ta' l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe:*

*1. in-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impieg tal-persuna ikkoncernata.*
*2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.*
*3. li dana jkun in konnessjoni ma' l-istess kariga jew impieg.*
*4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.*

*Illi b'rabta ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, l-Avukat Generali iccita wkoll l-artikolu 120, fejn titqies bhala komplici il-persuna li tikkorrompi l-ufficjal pubbliku.*

*Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta' dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impieg tal-persuna li qed tigi korrota. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ighid: "The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. … It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed."*

*Illi l-artikolu 92 imbaghad jiddisponi testwalment illi:*

*"Taht il-frazi generali 'ufficjal pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva talGvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra."*

*.......Illi fit-tieni lok, dik il-persuna trid tkun irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.... Dana jorbot mat-tielet element essenzjali ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni u cioe' illi l-weghda tal-flus trid tkun marbuta mal-kariga jew impieg ta' l-ufficjal in kwistjoni. "*

Sentenza interessanti kienet dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet, **Il-Pulizija Vs Christopher Raymond Debono,** deċiża fit-30 ta' Ottubru, 2024, fejn intqal:

*"Illi, l-Avukat Ġenerali jressaq aggravju uniku, fejn jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi miġjuba quddiemHa u naqset milli tikkonsidra, fid-deċiżjoni tagħha, jekk kenitx tirriżulta l-ħtija għar-reati kollha minnu ndikati fir-rinviju għall-ġudizzju u dan billi fl-imsemmi rinviju l-Avukat Ġenerali oltre għall-artikoli tal-liġi fejn hemm imfassal ir-reat tal-korruzzjoni tal-uffiċjal pubbliku, jindika ukoll dak tal-eżazzjoni kontra l-liġi jew 'l hekk imsejjaħ reat ta' konkussjoni kif imħaddan fl-Artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. LAvukat Ġenerali huwa tal-fehma illi mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, lappellat kellu jinstab ħati tal-kummissjoni ta' dawn iż-żewġ reati u dan meta esiġa flus minn għand terzi biex ma jagħmilx dak li kien fi dmiru li jagħmel.*

*Illi l-proċeduri penali kontra l-appellat, fejn huwa kien mixli bir-reat tal-korruzzjoni tal-uffiċjal pubbliku fil-konfront ta' tlieta minn nies (artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali), kienu inizjati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u mhux filkompetenza originali ta' dik il-Qorti. Illi wara li saret il-kumpilazzjoni tal-provi, fittermini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali bagħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati bin-nota ta' rinviju għal ġudizzju datata l-10 ta' Marzu 2017 u dan sabiex il-każ jiġi ġġudikat mill-Qorti issa bħala dik ta' Ġudikatura Kriminali, fejn allura f'dik in-nota l-Avukat Ġenerali indika li tista' tinstab ħtija għar-reati maħsuba fl-artikoli 112, 113, 114, 115(1), 119, 141, 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ifisser illi l-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali allura kellha b'żieda mar-reat indikat fiċ-ċitazzjoni, tiġġudika lill-appellat dwar reat ieħor u ċioe' dak imfassal flartikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali, liema reat allura, fil-fehma tiegħu, tnissel mill-fatti kkumpilati. ..... Illi r-reat hekk imsejjaħ tal-konkussjoni, artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali, għandu bħala elementi kostituttivi tiegħu similarita' ma' dawk tar-reat tal-korruzzjoni taluffiċjal pubbliku mfassal fl-artikolu 115, billi t-tnejn jenħtieġu n-natura uffiċjali jew pubblika ta'l-impieg tal-awtur tar-reat, li dik il-persuna tikseb xi qliegħ indebitament u li ma ikunx dovut skond il-liġi, li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg, bl-iskop ikun illi l-persuna tagħmel jew ma tagħmilx id-dmir tagħha.*

*Jikkonsegwi illi r-reat tal-konkussjoni jew tal-eżazzjoni kontra l-liġi jinneċessita flelementi kostituttivi tiegħu il-karattru pubbliku ta'l-awtur tar-reat, l-eżazzjoni millawtur tar-reat fil-kariga pubblika tiegħu ta' xi ħaġa kontra il-liġi, liema eżazzjoni finalment trid issir fil-kors tal-impjieg pubbliku tiegħu u marbut mal-istess impjieg jew kariga, bis-suġġett passiv tar-reat allura, u ċioe' il-persuna li lilha tintalab l-utilita' mill-awtur tar-reat, titqies bħala il-vittma tar-reat kuntrarjament għal dak li jseħħ firreat tal-korruzzjoni tal-uffiċjal pubbliku fejn trid tirriżulta il-kompliċita' bejn l-uffiċjal pubbliku u l-persuna li tikkorrompieh. "The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the Government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted."*

*Kif igħid il-ġurista Antolisei:*

*"… si ha concussione allorche` il pubblico ufficiale o l'incaricato di pubblico servizio «abusando della sua qualita` o dei suoi poteri, costringe o induce taluno a dare o a promettere indebitamente, a lui o ad un terzo, denaro od altra utilita`». In questa figura delittuosa il pubblico ufficiale o l'incaricato di pubblico servizzio si avvalgono illegittimamente della loro posizione per procurarsi, da persone che hanno rapporto con l'Amminstrazione, vantaggi che loro non spettano. Lo scopo dell'incriminazione e' duplice: da un lato tutelare l'interesse dell'Amministrazione alla imparzialita`, corretezza e buona reputazione dei*

*pubblici funzionari; dall'altro, impedire che gli estranei subiscano soprafazzioni e, in genere, danni per gli abusi di potere dei funzionari medesemi. Nessun dubbio, pertanto, che ci troviamo di fronte ad un reato pluri offensive."*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija v Geraldo Sacco hemm imgħallem:*

*Ghalhekk biex tavvera ruhha din l-ipotesi tal-ligi, huwa essenzjali li limpjegat jikkometti l-ezazzjoni kontra l-ligi taht "il-libsa jew kulur talkariga tieghu". Ghalkemm huwa estraneu ghar-reat jekk l-impjegat kellu jew ma kellux il-jedd ghall-ezazzjoni bhala salarju ghad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment publiku, huwa pero` rekwizit tar-reat illi l-impjegat ikun ghamel l-ezazzjoni taht il-kulur tal-kariga li jkun jokkupa bhala impjegat publiku. Dak l-artikolu li jirrifletti in parti l-art.196 tal-Kodici penali "Delle Due Sicile", u in parti l-art.174 tal-Kodici Penali Franciz, gie introdott fil-Kodici kif jinsab illum fuq proposta ta' Sir Adriano Dingli fis-seduta tal-L-Kunsill tal-Gvern tal-4 t'April 1850, li fuq suggeriment ta' Jameson biddlet lart.108 tal-Progett tal-1848 tal-Ligijiet Kriminali ta' dawn il-Gzejjer;*

*Illi, biex l-ezazzjoni tkun saret taht il-kulur tal-kariga, irid ikollha lapparenza ta' legittimita`, u jrid ikun hemm da parti tal-impjegat l-abbuz talawtorita` attribwita lilu minhabba fl-istess kariga tieghu. Dan huwa wiehed mir-reati li l-Kodici jqieghed taht it-titolu "Fuq Abbuz ta' lAwtorita`Publika"; u jkun hemm dan l-abbuz meta l-impjegat publiku,skond l-espressjoni ta' Carmignani, "juris colore quaesito", jezigi xjentement dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti, jew qabel izzmien stabbilit mill-ligi; u hi precizament din l-apparenza ta' legittimita` li tiddiferenzja sostanzjalment din il-forma ta' abbuz tal-awtorita` publika mill-ohra tal-"korruzzjoni" kontemplata fl-art.114 tal-Kodici Kriminali, fejn l-espressjoni "taht il-libsa tal-kariga tieghu" tinbidel fl-ohra "fl-okkazzjoni tal-kariga jew impjieg tieghu";*

*Hekk Roberti (Vol.V no.560) meta jqieghed bhala tielet element talkonkussjoni il-"colore di legittimita` attribuito alla indebita esazione" jghid:- "Questo elemento e` tanto importante ad assodarsi, in quanto e' il solo che contraddistingue la concussion dalla corruzione"; u jattribwixxi ddiversita` tal-piena bejn reat u iehor "…..al maggior danno inerente alla concussione, appunto perche` s'inspira nel cittadino, da cui si esige l'indebito, un certo malcontento contro il governo, laddove nella corruzione mettendosi a prezzo un atto del proprio ufficio, dassi evidentemente a comprendere che l'illecito profitto ceda esclusivamente all'ingordia del pubblico ufficiale o impiegato, senza che il governo lo autorizzi o vi partecipi in menoma parte".*

*U Garraud (Droit Penal Francais, vol.4 p.42) jghid:- "la concussion….elle se distingue de la corruption en ce l'inculpe` exige comme un droit ce qu'il sait ne pas lui être du";…*

*Illi l-appellat, kif ingħad, kien mixli fiċ-ċitazzjoni bir-reat tal-korruzzjoni tal-uffiċjal pubbliku imfassal fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali u li abbażi tiegħu kienet imnehdija il-kumpilazzjoni tal-provi, liema reat jerġa jingħad, jiddifferenzja ruħu minn dak tal-konkussjoni, kif imgħallem fis-sentenza suċċitata, u dan billi r-reat talkorruzzjoni għandu bħala rekwiżit tiegħu it-talba, l-aċċettazzjoni ta' weghda, rigal jew flus.*

*Il-Professur Mamo fin-"Notes on Criminal Law" Revised Edition 1954 – 1955, f'pagna 83 ta' l-istess meta jitkellem fuq ir-rekwiziti tar-reat in dizamina, taħt it-titolu "Unlawful Exaction", ighid hekk:*

*"... it is necessary for the constitution of this crime that the unlawful exaction be made by the public functionary, under the colour of his office. "What is exacted must be exacted under the pretext that it is legally due". Juris colore causato". The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the Government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted."*

*F'dan ir-rigward l-Antolisei jitkellem dwar ir-rekwizit tal- "atto d'ufficio" u jghid li ghandu jkun "... compiuto nell'esercizio della pubblica mansione che percio rientra nella sfera di competenza del pubblico ufficiale o dell'incaricato di un pubblico servizio."*

*Fir-reat tal-konkussjoni jew kif inhu magħruf bl-Ingliz, dak ta' unlawful exaction, l-att materjali huwa komplut hekk kif issir it-talba mis-suġġett attiv tar-reat, anke jekk ilvittma ma tkunx ħallset jew aċċettat li tħallas, kuntrarjament għal dak tal-korruzzjoni fejn is-suġġett passivi jiffigura bħala kompliċi fil-kummissjoni tar-reat, fejn allura f'dan l-aħħar reat irid ikun hemm neċessarjament il-kompliċita' bejn l-uffiċjal pubbliku u l-persuna li tikkorrompieh li joħolqu patt kriminuż, li jservi ta' benefiċċju għalihom it-tnejn. "Fit-Trattato di Diritto Penale Italiano [Quinta edizione – Professori P. Nuvolune e G. D. Pisapia] Vol.V, Capo III jinghad:*

*"Il criterio distintivo tra la corruzione passiva e la concussione si trae principalmente dall' oggetto giuridico di codesti delitti, e dal carattere di reato bilaterale che ha la corruzione, mentre la concussione ha natura unilaterale. Infatti col reprimere la concussione si vuole impedire che i pubblici ufficiali abusino del loro ufficio pre trarre illeciti profitti, estorcendo o carpendo cio' che*

*loro non e' dovuto. E' quindi lavida procacita del funzionario che si colpisce; e' la sua iniziattiva nell' estorcere o nel carpire l' indebito, che viene punita. Colui che da' o prommette e' una vittima del pubblico ufficiale: e' sempre soggetto passivo del reato. Nella corruzione invece, cio' che viene in considerazione e' l' illecito rapporto consensuale tra il pubblico ufficiale e l' estraneo interessato: il primo cede, sfrutando ingordamente l' ufficio o tradendolo per venalita', alle accaparanti iniziative altrui. Egli acetta ignominiosamente o perfidamente ma' non aggredisce ne richiede. ……Nella concussione il funzionario CHIEDE, nella corruzione invece ACCETTA."[sottolinejar u emfazi tal-Qorti]" )*

*Illi, fis-sentenza mpunjata, l-Ewwel Qorti eżaminat bir-reqqa ir-reat tal-korruzzjoni addebitat lill-appellat u waslet għall-konkluzzjoni li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova tali reat sal-grad rikjest mill-Liġi u dan minħabba konfliġġenza fil-provi, oltre għal fatt illi, fil-fehma tagħha, l-elementi kostituttivi tar-reat ma gewx ippruvati, u għaldaqstant għaddiet sabiex tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.*

*L-Avukat Ġenerali ħassu aggravat minn dina d-deċizjoni u għalhekk intavola l-appell tiegħu fejn qed isostni li l-Ewwel Qorti kienet filfatt żbaljata fid-deċizjoni tagħha u kellha ssib lill-appellat ħati tar-reati tal-korruzzjoni addebitati lilu. L-istess Avukat Ġenerali jkompli jsostni li jekk dina l-Qorti ma ssibx ħtija fl-appellat ai termini talArtikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali, allura subordinatament għandha ssibu ħati għarreat imfassal fl-Artikolu 112, liema reat fil-fehma tiegħu lanqas biss kien ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.*

*Illi, fir-rigward tar-reat imfassal fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali dwar liema reat, l-Ewwel Qorti, fis-sentenza mpunjata, tagħmel esposizzjoni erudita tal-ġurisprudenza li titkellem dwar dan l-istess reat, jridu jkunu ppruvati s-segwenti elementi:*

*(i) Li l-imputat ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku; u*
*(ii) Li l-imputat jikkometti dana r-reat in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu; u*
*(iii) Li l-imputat ikun talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor jew ta' xi vantaġġ għalih, li għalihom huwa ma jkollux jedd; u*
*(iv) Li l-iskop li jkun għamel hekk kien sabiex huwa jonqos li jagħmel dak li hu fi dmir tiegħu li jagħmel; u*
*(v) L-aċċettazzjoni tal-ħlas, wegħda jew offerta....*

*Illi, fis-sentenza ta' dina l-Qorti, diversament preseduta, datata 11 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmelo Sant" ġie ritenut li -*

*Għal finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali, l-offerta' ta' flus, żgħir kemm hu żgħir l-ammont, fiha dejjem il-potenzjalita' tal-korruzzjoni, kemm -il darba tali offerta tkun saret bis-serjeta' u ċioe' bilħsieb li dik l-offerta' tiġi aċċettata. Infatti id-delitt jiġi kommess mill-uffiċjal pubbliku appena huwa jaċċetta l-offerta, indipendentement mill-fatt jekk in segwitu hu jagħmilx dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel jew jonqos milli jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel.*

*Illi dan l-artikolu tal-liġi regolanti l-korruzzjoni passiva jitkellem fuq dik il-korruzzjoni mwettqa mill-ufficjal jew impjegat pubbliku fejn il-korruttur jitlob, jirċevi jew jaċċetta wegħda, flus jew rigal sabiex ma jwettaqx id-dmirijiet tiegħu. Illi dan lartikolu inbidel in forza tal-Att Numru III ta' 2002 in kwantu giet inkluża l-kelma "jitlob" mal-att materjali li kien sa dak iż-żmien jitkellem biss dwar l-agent li 'jirċevi jew jaċċetta'. Illi permezz ta' dan l-Att seħħet riforma shiha f'din id-disposizzjoni talligi bl-implementazzjoni f'Malta tal-European Criminal Law Convention on Corruption tal-Kunsill tal-Ewropa, iffirmata minn Malta fit-24 ta' April 2002. Illi l-Konvenzjoni adottata f'pajjiżna fl-artikolu 3 tiegħu jirregola l-korruzzjoni passiva tal-uffiċjal pubbliku meta hemm hekk imfassal:*

*Passive bribery of domestic public officials*

*Each Party shall adopt such legislative and other measures as may be necessary to establish as criminal offences under its domestic law, when committed intentionally, the request or receipt by any of its public officials, directly or indirectly, of any undue advantage, for himself or herself or for anyone else, or the acceptance of an offer or a promise of such an advantage, to act or refrain from acting in the exercise of his or her functions*

*Illi similment fl-artikolu 2 tal- Konvenzjoni mfassla abbażi ta' l-Artikolu 3(2)(ċ) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi lKomunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea hemm issegwenti definizzjoni tal-korruzzjoni passiva:*

*Artikolu 2 Korruzzjoni passiva*

*1. Għall-għan ta' din il-Konvenzjoni, l-azzjoni deliberata ta' uffiċjal, li, direttament jew permezz ta' intermedju, jitlob jew jirċievi vantaġġi ta' kull tip possibbli, għalih innifsu jew għall-parti terza, jew jaċċetta promessa ta' vantaġġ tali, biex jaġixxi jew jonqos li jaġixxi skond id-dmir tiegħu jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu bi ksur tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu tkun tikkonstitwixxi korruzjoni passiva.*

*Għalhekk preċedentement għal din l-emenda, l-azzjoni ta' l-aġent punibbli taħt l-imsemmi artikolu kienet waħda fuq żewġ binarji, ċioe' li "jircevi jew jaccetta" mentri wara l-imsemmija emenda fil-liġi introdotta fl-2002 huwa punibbli wkoll l-att materjal kommess mill-ufficjal jew impjegat pubbliku li jitlob xi flejjes li għalihom mhux intitolat, u dan immaterjalment allura jekk l-korruttur jirnexxielux fl-intenzjoni tiegħu li jagħmel jew jonqos li jagħmel dak li għandu jsir skont id-dmirijiet tiegħu.*

*Mela filwaqt li preċedenti ghal emenda introdotta fl-2002 ir-reat kien simili ghal dak mahsub taht id-dritt penali taljan – art.319 codice penale – li jirrikedi 'l hekk imsejjah pactum sceleris bejn il-korruttur u l-persuna li jikkorrompi, bil-fatt illi l-leġislatur ħaseb biex jintroduci att materjali ġdid fejn jikkonfigura r-reat tal-uffiċjal pubbliku li jkun hu stess li jitlob il-flus, ma hux meħtieġ illi s-suġġett passiv tar-reat f'dan ix-xenarju jagħmel il-patt mas-suġġett attiv u igħaddi l-flus jew wegħda li tkun qed tiġi lilu mitluba jew jaċċetta li jagħmel dan, għaliex hekk kif issir it-talba ir-reat huwa ikkunsmat.*

*Illi, stabbilit kwindi illi l-Ewwel Qorti errat meta tat affidament lil verżjoni tal-fatti tal-appellat, jifdal biex ikun kkunsidrat jekk dawn il-fatti jinkwadrawx rwieħhom fir-reati indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju. Illi fir-rigward tarreat stabbilit fl-artikolu 115(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jirriżultaw is-segwenti elementi ippruvati:*

*(i) Li l-imputat ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku*

*Illi, mix-xhieda ta' PS 30 Malcolm Cachia, in rapprezentanza tal-Kummissarju talPulizija, ġie ikkonfermat li l-appellat huwa membru tal-korp tal-pulizija fil-grad ta' surġent. Ġie ddeterminat li huwa daħal fil-Korp nhar il-11 ta' Lulju 1991 u huwa preżentement temporanjament sospiz mill-korp u dana minn nhar is-7 ta' Mejju 2015.*

*Għalhekk ġie ppruvat li fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni l-appellat kien uffiċjal jew impjegat pubbliku u għaldaqstant dan l-ewwel rekwiżit ġie sodisfatt.*

*(ii) Li l-imputat jikkommetti dana r-reat in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu*
*Illi, ġie ppruvat li l-appellat talab il-flus lil Marco Pisani, lil Anthony Bonanno u lil Alexander Borg meta huwa kien qed jaqdi dmirijiet tiegħu fil-vesti ta' Surġent talKorp tal-Pulizija. Għaldaqstant anke dan it-tieni rekwiżit ġie sodisfatt.*
*(iii) Li l-imputat ikun talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor jew ta' xi vantaġġ għalih, li għalihom huwa ma jkollux jedd. Illi, huwa ippruvat li l-appellat f'dawn*

*il-proċeduri talab lil Marco Pisani, lil Anthony Bonello u lil Alexander Borg flus għalih innifsu, liema flus ma kellux dritt għalihom.*

*Għaldaqstant anke dan it-tielet rekwiżit ġie sodisfatt.*
*(iv) Li l-iskop li jkun għamel hekk kien sabiex huwa jonqos li jagħmel dak li hu fi dmir tiegħu li jagħmel.*

*Illi, f'dan il-kaz, kien l-appellat stess li ressaq l-offerta għall-ħlas lill-kwerelanti, u dana sabiex b'xi mod jew ieħor jikkrejalhom vantaġġ fil-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe azzjoni penali li għaliha huma setgħu kienu soġġetti. Jikkonsegwi li ġaladarba kien propju l-appellat stess li talab il-flus lill-parti offiża, ma kienx hemm il-bżonn li huwa jaċċetta l-istess, u dana stante li permezz tat-talba tiegħu kien hemm l-konsumazzjoni tad-delitt. In oltre, mill-provi prodotti jirrizulta li Alexander Borg inizjalment kien propens li jħallas lill-appellat, tant li offrilu l-ammont ta' €150 ,filwaqt li Marco Pisani kien talab li jħallsu bin-nifs. Huwa minnu li fl-aħħar mill-aħħar ebda wieħed minn dawn it-tlieta minn nies ma għaddew flus lill-appellat pero' il-fatt jibqa' illi huwa talab dawn il-flejjes minn għandhom diversi drabi, liema aġir jikkostitwixxi l-att materjal tar-reat.*

*Għaldaqstant il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti billi din kemm fuq bażi fattwali kif ukoll legali hija unsafe and unsatisfactory, għaliex, kif ingħad, fit-termini tad-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 115(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali id-delitt ġie kommess minnu appena huwa talab il-flus lill-parti offiża, u dana indipendentement mill-fatt jekk in segwitu hu għamilx dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel, jew naqas milli jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel. Għaldaqstant anke dan ir-rekwizit ġie sodisfatt.*

*Għal dawn il-motivi, dina l-Qorti tinsab moralment konvinta mill-ħtija tal-appellat firrigward ta'l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u għaldaqstant l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt legalment u raġonevolment tilliberah mill-istess.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-appellat, kif ingħad, kien mixli ukoll bir-reat maħsub fl-artikolu 112 tal-kodiċi Kriminali kif rifless fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju ta'l-Avukat Ġenerali li jitkellem fuq l-eżazzjoni kontra il-liġi minn uffiċjal pubbliku. Illi l-Qorti eżaminat l-elementi ta' dan ir-reat iktar 'il fuq u ssib illi ma tistax tirriskontra ħtija għal dan ir-reat billi lelementi tar-reat ma jirriżultawx ippruvati mill-fattispeċje tal-każ. Dan għaliex il-flus li intalab mill-appellat ma kellhomx il-vesti ta' leġittimita' bil-vittmi tar-reat jiġu indotti f'kompliċita mill-appellat sabiex igħaddulu il-flus bil-għan li huma jiksbu xi vantaġġ mhux*

*misthoqq. Kwindi l-Qorti tqis illi l-elementi ta' dan ir-reat ma jikkonfigurawx rwieħhom fil-fattispeċje tal-każ u allura ma tistax tirriżulta il-ħtija għall-istess."*

**Ikkunsidrat:**

**Evalwazzjoni tal-provi**

Minn evalwazzjoni tal-provi prodotti, b'mod partikolari dak kontenut f'Dok CD1, jirriżulta li kien hemm diversi frażijiet li qal Stanislaus Caruana lill-imputat, li huma ferm relevanti. F'dawn ir-*recordings*, jinstema' jingħad lill-imputat minn Caruana, li huwa tah il-flus mill-ewwel malli talabhomlu l-imputat u dana għaliex kien imdejjaq fil-post fejn kien qiegħed. Fl-ebda parti tar-*recording* ma jinstema' diskors, li l-flus li għaddew lill-imputat, kienu bħala self. F'*recording* ieħor, Caruana jsemmi l-flus, u ċioè l-ħames mitt Ewro li kien ħallas lil Spiteri, u l-imputat qatt ma nnega li kien ingħata l-flus minn Caruana. Caruana anke offra lil Spiteri, li jagħtih iktar flus, iżda Spiteri qallu li ma jridx aktar. F'parti oħra tar-*recordings*, jinstema' l-istess imputat jgħid lil Caruana, li huwa jweġġa' meta jissemmew il-flus li ngħata, għaliex dan ifisser li qed jigi allegat, li hu ħa l-flus u ma għamel xejn. Skont l-imputat, f'dawn ir-*recordings*, huwa kien qed imexxi l-karti ta' Caruana, u li kien qed jaħdem fuq dak li wiegħed lil Caruana. Caruana dejjem isemmi fil-konverżazzjonijiet, li huwa kien ħallas lill-imputat, sabiex jaqdih. L-imputat qatt ma rrisponda li dawk il-flus kienu ngħataw lilu b'self. Caruana, f'konverżazzjoni minnhom insista, li jekk mhux ser jaqdih, ried il-flus lura, iżda l-imputat kien dejjem jittamah u jgħidlu biex jerġgħu jiltaqgħu ma' xulxin.

Huwa sinifikanti li l-flus li ġew mgħoddija lill-imputat minn Caruana, sabiex jgħinu jieħu post mingħand tal-*Housing*, kienu ssemmew f'diversi okkażżjonijiet differenti, stante li r-*recordings* eżebiti jkopru diversi inċidenti li fihom tkellmu ma' xulxin, Caruana u l-imputat.

Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li fix-xhieda *viva voce* tiegħu, ix-xhud Stansilaus Caruana kien kemm xejn evażiv, u kif ukoll beda jsemmi li l-flus ingħataw b'self lill-imputat, madanakollu, il-fatt jibqa' li meta ġew mismugħa r-*recordings* eżebiti bħala Dok CD1 fil-preżenza tiegħu, huwa kkonferma li dawk il-konverżazzjonijiet saru bejnu u bejn l-imputat. Mir-rapport tal-Espert inkarigat mill-Qorti, ġie kkonfermat li l-vuċi tal-persuna msejjħa bħala "Charlie", hija dik tal-imputat. Din il-Qorti tqis li meta semgħet l-assjem tar-*recordings* kollha, fl-ebda ħin ma ssemma li din il-ħames mitt Ewro ngħatat bhala self. Mill-konverżazzjonijiet irrekordjati, jirriżulta ben evidenti, li l-flus ġew mgħoddija sabiex Caruana jingħata

ċavetta tal-post tal-*Housing* u b'hekk ikun jista' jmur joqgħod f'post, li huwa aħjar mill-post fejn kien qed jirrisjedi dak iż-żmien.

Issa meta din il-Qorti tqis l-imputazzjonijiet, jirriżulta s-segwenti:

Dwar l-ewwel imputazzjoni, mill-provi prodotti, irriżulta li l-imputat kien Uffiċjal jew Impjegat t'Amministrazzjoni Pubblika jew persuna impjegata mal-Gvern jew mill-Gvern, fiż-żmien meta seħħ dan l-allegat reat. Ġie ppruvat ukoll li l-imputat talab il-flus lil Caruana, sabiex ikun jista' jirranġalu biex dan jingħata post tal-*Housing* malajr kemm jista' jkun. Dak li talab l-imputat, ma kienx intitolat għalih. It-talba li saret għal tali ħlas, kienet waħda illeċita għall-aħħar. F'dan il-każ irriżulta mill-konverżazzjonijiet fuq riferiti, illi l-ħlas effettivament sar a favur tal-imputat u dan a gwadann tal-istess imputat. Irriżulta wkoll li dak li għamel l-Uffiċjal Pubbliku u ċioè l-imputat, għamlu fil-qadi ta' dmirijietu. Caruana kien avviċina lil Spiteri, biex jgħinu jingħata post fejn joqgħod mingħand id-Dipartiment tal-*Housing*. Minn dak li nġieb quddiem din il-Qorti, jirriżulta li l-imputat talab il-flus illegalment lil Caruana, meta ma kienx intitolat li jagħmel hekk.

Għalhekk din il-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata.

Dwar it-tieni akkuża, din il-Qorti ma tqisx li tressqu provi sodisfaċenti, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, mill-Prosekuzzjoni. Ma tressqux provi suffiċjenti, li din l-ezazzjoni kontra l-liġi saret b'theddid jew b'abbuż ta' awtorità, li twassal għal estorsjoni. Mir-*recordings* eżebiti u fuq riferiti, irriżulta li Caruana addirittura, offra li jħallas iktar flus, basta jinqeda mill-aktar fis possibbli, għax ma setax jissaporti jibqa' jgħix fil-post skomdu u umdu, b'nuqqas ta' dawl u ventilazzjoni li kien qed jgħix fih.

Dwar it-tielet akkuża irriżulta li l-imputat, qua uffiċjal jew impjegat pubbliku, irċieva u aċċetta għalih, ħames mitt Ewro, liema ammont ma kellux jedd għalih. Dan l-abbuż sar in konnessjoni mal-impjieg tiegħu, peress li dawn il-flus ingħataw sabiex Caruana jkun jista' jitpoġġa fuq il-lista ta' prijorità, bil-għan li jingħata post mingħand id-Dipartiment tal-*Housing*. F'għajnejn din il-Qorti, ġie stabbilit ness bejn l-aċċettazzjoni ta' flus u l-eżerċizzju tal-impjieg pubbliku tal-imputat. Għalhekk anke din it-tielet imputazzjoni rriżultat ippruvata.

**Deċide**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi, billi wara li rat l-Artikoli 17(b)m 112 u 115(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, qed tikkundannah għal piena ta' priġunerija ta' sentejn, liema piena qed tiġi sospiża għal perijodu ta' erba' snin, u dana ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. In oltre, tikkundanna lil Carmel Spiteri għal piena tal-interdizzjoni ġenerali u perpetwa, fit-termini tal-Artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali. Finalment, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ammont ta' seba' mija, tmienja u tmenin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmi ta' Ewro (€788.49ċ) rappreżentanti spejjeż peritali inkorsi f'dawn il-proċeduri.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati, il-konsegwenzi skont il-liġi, jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

___________________________

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

___________________________

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**